**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**
**Stephen Ciangura, detentur ta' Karta tal-Identità numru 104377M;**
**u**
**Teresa Ciangura, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 361849M**

***Każ Nru. 2158/2024***

Illum, 22 ta' Lulju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Stephen Ciangura u Teresa Ciangura** u ċioe talli:

F'isimhom propju u/jew f'isem is-soċjetà Executive Security Services Limited:

Nhar il-15 ta' Novembru, 2015 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

1. Bħala persuna/i li jimpjega/w lil xi persuna oħra whole-time, part-time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu milli jinnotifikaw lill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ b'dak l-impjieg kif stabbilit dwar kull impjieg, liema notifika kellha ssir sa mhux aktar tard mill-ġurnata li fiha jibda l-impjieg ta' xi persuna;

2. U aktar talli impjegaw, ħaddmu jew ippermettew l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati, lil xi persuna jew persuni li ma kellhomx liċenzja bħala gwardjan privat;
3. U aktar talli provdew, għal dmirijiet fi, jew li għandhom x'jaqsmu ma servizzi ta' gwardjani privati, lil xi persuna jew persuni li ma kellhomx liċenzja bħala gwardjan privat.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-26 ta' Marzu, 2024.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi skond dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni magħmula nhar il-5 ta' Frar 2020, l-provi in sostenn ta' din il-kawża jinsabu primarjament fil-**Proċess Verbal No.852/2015,** esibit f'dawn l-atti, li jirrigwarda inċident li sehh fl-istabbiliment Plus One, Paceville, fejn kawża tiegħu korrew diversi żgħażagħ.[1]

Dan il-każ jirrigwarda l-impjieg mhux regolarizzat ta Bojan Sasic bħala gwardjan privat li kien qed jagħmel xogħol fil-VIP area fil-jum li sehh l-inċident fl-imsemmi stabbiliment.

Illi l-imputati odjerni jinsabu imputati f'isimhom propju kif ukoll f'isem is-soċjetà Executive Services Ltd.

**Bernard Zarb** in rappreżentanza ta' Jobsplus ippreżenta l-employment histories tal-imputati.[2] Jirrizulta li fiż-żmien l-akkadut l-imputat kien impjegat *part-time* bħala *Administrator* mal-kumpanija Executive Security Services Ltd., filwaqt li Teresa Ciangura ma kellha l-ebda impjieg reġistrat ma' Jobsplus.

Illi mill-provi miġjuba l-quddiem, ma jirrizulta minn imkien li Sasic kellu impjieg regolarizzat u ma nġieb l-ebda rappreżentant minn Jobsplus biex

[1] **Dok.MM**
[2] **Dok.BZ-Dok.BZ1.** Seduta 21 ta' Frar 2018.

jixhed dwar dan. Għalhekk il-qorti kellha tistrieħ biss fuq dak li l-imputat Stephen Ciangura xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.[3]

Minn dik ix-xiehda l-imputat jgħid li Sasic kien ilu impjegat ma Executive Services Ltd għal xi erba' jew ħamest ġimgħat.[4] Mill-*invoices* li ntbagħtu mill-kumpanija Three Sixty Limited minn Executive Services Ltd., jidher li kien hemm biss *"1 person"*.[5] Ciangura spjega li peress li Sasic kien *third country national,* il-kuntratt tiegħu ma kienx ma' Executive Services Ltd. iżda ma kumpanija involuta fil-qasam tal-kostruzzjoni li ħadet ħsieb iġiblu l-permess biex jaħdem f'Malta, u b'hekk ma kellux impjieg regolarizzat ma Executive Services Ltd.[6]

Il-provi riżultanti wrew mingħajr dubbju li Sasic kien qed jippresta s-servizzji tiegħu **mhux lill-imputati personalment** iżda lill-kumpanija li jidher li b'xi mod kienu involuti fiha u ċioe l-istess Executive Services Ltd.

Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi tal-*involvements* ta' din il-kumpanija. Hawn jingħad ukoll li imkien fl-atti ma jirrizulta n-ness bejn l-imputata Teresa Ciangura ma Executive Services Ltd jew ma Bojan Sasic u għalhekk din ma tista' qatt tinstab ħtija fiha għar-reati lilha addebitati.

Imiss li jiġi ikkunsidrat jekk Stephen Ciangura hux responsabbli vikarjament għar-reati lilu addebitati.

Ir-responsabiltà vikarja ta', *inter alia,* direttur u l-konsegwenzi f'każ ta' sejbien ta' ħtija ġew trattati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et:**[7]

> Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:
>
> > **"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

[3] Vide verbal tal-5 ta' Frar 2020
[4] Fol.125
[5] Fol.1266
[6] Fol.125-127
[7] Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rappreżentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jiġi citat b' mod car għal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bħala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, iżda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati għal din ir-raguni

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-

"*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' każ ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"

**Izda**:

"*….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, **fl-imputazzjoni jew fl-akkuza** — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—**għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi imsejjah biex iwiegeb għal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tiegħu**. Jekk mhux għal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tiegħu.*[8]"

Indubbjament għalhekk fil-każ in deżamina hu applikabbli l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniela Debattista ntqal**:[9]

Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha ghamlet eżami ta' dak dispost fl-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex imbaghad ghaddiet biex stabbilit ir-responsabbilta vikarja ta'l-appellanti u dan fil-vesti tagħha ta' direttur tas-soċjetà` JG Rentals. Issa l-appellanti targumenta illi dan id-dispost tal-ligi ma isibx applikazzjoni għal każ in dizamina. ……..

Maghdud dan allura xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti illi tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex issib htija fl-appellanti billi ma jidhirx illi giet imsejjha biex tapplika xi responsabbilita penali fil-konfront tal-korp maghqud. Il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-appellanti illi l-artikolu 13 tal-Kap.249 ma isibx applikazzjoni għal każ in dizamina u dan ghaliex l-istess disposizzjoni tal-ligi hija cara fid-dicitura tagħha u tapplika għal kull reat minghajr ebda distinzjoni, u mhux kif donnha qed tikkontendi l-appellanti.

---

[8] Appell Inferjuri: **Il-Pulizija vs Patrick Vella;** Deċiża 31/08/2006
[9] Appell Nru: 498/2015 per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Deċiża 16.11.2016

Stephen Ciangura jagħti x'jifhem li l-kumpanija imsemmija tappartjeni lill-familtu w lilu, fejn jgħid ukoll li hu firmatarju għaliha flimkien ma ommu.[10]

Mill-atti mbagħad jirrizulta li Ciangura kien dak li kien jibgħat persuni bħala *security* biex jaħdmu fl-istabbiliment fejn seħħ is-sinistru. **Rivans** jikkonferma li kien ma Ciangura li kien jikkomunika biex jipprovdih b'*securities* ghal club imsemmi.[11] Minn naħa tiegħu anke l-imputat Stephen Ciangura hu ċar fid-dikjarazzjoni tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti - kemm fuq l-impjieg mhux regolarizzat ta' Bojan Sasic kif ukoll fuq l-rwol tiegħu fi ħdan il-kumpanija li pprestat servizzji ta gwardjani privati lil club PlusOne – fejn jixhed *"peress li [Sasic] mhux mill-EU kellu kuntrtt mal-kumpnaija li ġabitilhom il-work permit. Ma kienx impjegat ma Executive Services Ltd."*[12] Minbarra dan, Ciangura jikkonferma kif bagħat lil Sasic jagħmel *First Aid Course* kif ukoll *Fire Fighting Training*[13] sabiex ikun f'pożizzjoni jaħdem mal-kumpanija li tagħha kien Amministratur.

Madanakollu, għalkemm hu kważi b'ċertezza li Sasic ma kellux liċenzja biex jaħdem ta' gwardjan privat, biex issir id-debita prova ta' din iċ-ċirkostanza inkriminanti li twassal sabiex jissawwru r-reati kontemplati bit-tieni u bit-tielet imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni kienet fi dmir tressaq l-aħħar prova u ċioe rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħti konferma dwar dan. Dan ma seħħx u fil-kamp penali l-ebda Qorti ma tista' tistrieħ fuq probabbilitajiet kbar kemm huma kbar jew mera spekulazzjonijiet.

Fid-dawl tal-provi miġjuba l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest fil-konfront ta' Stephen Ciangura limitatament fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset n-natura tar-reat li dwaru qed tinstab ħtija, tal-fatt li dan il-każ jirrisali ghal 2015 fejn kien tollerat dilungar esaġerat u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li l-piena għall-ewwel reat, fiż-żmien addebitat bl-imputazzjoni, hekk kif kontemplat bir-Regolament 3(a) tar-Regolamenti fuq id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li Jibdew jew Itemmu

---

[10] Fol.134
[11] Fol.599. Vide Dok.JR1
[12] Fol.125
[13] Dok.SC3 u Dok.SC4 a fol.1270-1271

Impieg, (L.S.594.17), kienet il-piena l-aktar favorevoli,[14] inkwantu r-regolament 10 kien jipprovdi:

> **10.**Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti 3, 4, 8 u 9 tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), u l-Qorti tista', barra minn dik il-multa, tordna s-sospensjoni jew it-tħassir ta' kull liċenza miżmuma minn min ikun għamel ir-reat u li tkun relattiva għal xi kummerċ jew negozju, jew relattiva għal xi post tan-negozju fejn ikunu impjegati persuni. Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw għal xi reat bħal dak:

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lil Teresa Ciangura mill-imputazzjonijiet kollha, u lil Stephen Ciangura mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni, wara li rat r-regolamenti 3(a) u 4 tar-Regolamenti fuq id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li Jibdew jew Itemmu Impieg,[15] (illum l-Artikolu 36 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta), issib lil Stephen Ciangura ħati tal-ewwel imputazzjoni u timmultah ħames mitt Ewro (€500) .

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

14 Illum l-artikolu 53(b) tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla piena ta' bejn €500 u €2,500.

15 Imħassra bl-A.L. 137 tal-2023. Illum id-dispożizzjoni li tikkontempla l-istess reat hi dik misjuba fl-artikolu 36 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta